# L-Unjoni Ewropea u l-għajnuna għat-taħriġ

*Minn Osvalido Zammit*

L-Unjoni Ewropea dejjem kellha l-prijorità li tiżviluppa r-riżorsi umani tal-pajjiżi msieħba. Dan l-iżvilupp iwassal għal ġid ekonomiku kif ukoll għal titjib fil-ħajja tan-nies. L-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE għall-investiment fin-nies, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), jippromwovi l-impjiegi u jgħin lin-nies itejbu l-edukazzjoni u l-ħiliet tagħhom. Għall-perijodu 2007-2013 se jkunu ġew investiti aktar minn €75 biljun fl-Istati Membri tal-UE taħt il-FSE.



Madwar 9 miljun persuna jirċievu appoġġ mill-FSE kull sena, b'4 miljuni jirċievu taħriġ, u 2 miljuni jsibu impjieg. Il-FSE joffri għajnuna għal taħriġ jew gwida biex ittejjeb il-ħiliet jew il-prospetti tiegħek ta' impjieg; appoġġ biex tistabbilixxi kumpanija jew issib bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja; u assistenza għan-nisa, ħaddiema aktar avvanzati fl-età u żgħażagħ rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Malta bdiet tuża dawn il-fondi bejn l-2004 u l-2006 u kellha numru ta' suċċessi. Kien hemm 49 proġett li rnexxilu jikseb għajnuna u bbenefika s-settur pubbliku partikolarment l-MCAST, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Fost il-proġetti li saru b'suċċess, wieħed jista' jsemmi l-korsijiet tas-snajja li saru f'Għawdex - korsijiet fil-ħġieġ, fl-injam, fiċ-ċeramika, fil-fidda u fil-bizilla, li għalihom attendew 192 persuna.

L-iskema TEES *(Training and Employment Exposure Scheme)* offriet taħriġ għal persuni ta' aktar minn 40 sena li kienu qiegħda u għenithom biex jerġgħu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol. Tħarrġu 460 persuna u 285 minnhom irnexxilhom isibu xogħol wara.

Għall-perjodu 2007-2013, Malta għandha €131,764,705 allokati għall-FSE, li €112,000,000 minnhom ġejjin mill-Unjoni Ewropea. Hemm madwar 35 proġett li diġà ġew approvati u bdew jiġu implimentati.

Permezz tal-FSE, il-kumpaniji lokali għandhom l-opportunità li jinvestu fir-riżorsi umani tagħhom permezz tat-*Training Aid Framework* li jgħinhom jiffinanzjaw it-taħriġ għall-impjegati tagħhom. Kull kumpanija tista' tibbenefika minn għotja sa massimu ta' €250,000 fis-sena.

Ta' min isemmi wkoll il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) li joffri appoġġ lil min jitlef l-impjieg minħabba tibdil fl-andament kummerċjali dinji, u b'hekk jgħin li min isib ruħu f'dawn iċ-ċirkostanzi biex jibqa' fid-dinja tax-xogħol jew ma jdumx biex isib xogħol ġdid. Wieħed jista' għalhekk jibbenefika minn servizzi ta' appoġġ personalizzat bħal għajnuna għat-tiftix ta' impjieg, pariri dwar il-karriera, assistenza għal *outplacement*, taħriġ imfassal apposta u taħriġ mill-ġdid u l-promozzjoni tal-imprenditorija.

Ta' min ifakkar li Malta kienet ingħatat €681,000 wara li 675 ħaddiem tal-VF u l-Bortex tilfu l-impjieg minħabba l-effett tal-globalizzazzjoni fuq is-settur tat-tessuti. Dawn il-fondi ntużaw biex il-ħaddiema jingħataw taħriġ, biex jidħlu f'impjiegi ġodda jew biex jiftħu negozju.

---

MEUSAC Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*